MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1721/1996/1

**Anthony Baldacchino bhala Direttur f' isem u in rapprezentanza ta' J. P. Baldacchino & Co Limited bhala mandatarju tas-socjeta` estera Gorima Costruzione S. r. l. Italia**

**Vs**

**Ic-Chairman tal-Korporazzjoni EneMalta, u l-Accountant General u Direttur Generali tal-Kuntratti**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-22 ta' Mejju 1996 li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-Korporazzjoni Enemalta harget sejha ghal offerti ghal actu sulferiku (*sulpheric acid*) kif jirrizulta mill-

anness *tender specification* dokument “A”, numru tat-*tender* E/E/T/20/96;

Premess illi s-socjeta` attrici Gorima Costruzioni S. r. l. kif rapprezentata mis-socjeta` attrici l-ohra J. P. Baldacchino & Co Limited issottomettiet offerta;

Premess illi ghal dan it-*tender* kien hemm zewg offerenti - bi prova oggettivament dokumentata u b’ analisi kimika fl-offerta - pero` bi prezz anqas u accettaw ukoll li jforni t-*tender* fiz-zmien rikjest u stipulat u meta ntalbet spjegazzjoni lill-konvenut ghaliex it-*tender* inghatat lill-offerent l-iehor, spjegazzjoni sallum baqghet ma nghatatx;

Premess illi minkejja l-Protest Gudizzjarju ddepozitat il-Qorti fit-8 ta’ April 1996, il-Korporazzjoni konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi in konferma ta’ tali agir u ommissjonijiet l-konvenuti jew min minnhom ikkawzaw danni lill-atturi;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tordna in vista tac-cirkostanzi lill-konvenuti sabiex jirrimedjaw is-sitwazzjoni ta’ l-esponent in vista tat-telf li sofra;

2. Tiddikjara illi in konsegwenza tas-suespost, il-konvenuti kkawzaw danni lill-attur;

3. Tillikwida tali danni;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati;

Bl-imghax, bl-ispejjez u bir-riserva ta’ kull azzjoni fil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, ipprezentata fil-15 ta' Novembru 1996 u li fiha eccepixxa:-

1. Illi l-offerta giet aggudikata favur offerent iehor fl-ezercizzju xieraq tal-funzjonijiet tal-Korporazzjoni esponenti;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Accountant General u tad-Direttur Generali tal-Kuntratti, ipprezentata fit-22 ta' Novembru 1996 u li fiha eccepew:-

1. Illi preliminarjament il-postijiet ta' Accountant General u ta' Direttur Generali tal-Kuntratti ma jezistux waqt li fil-kuntratt li huwa l-oggett tal-kawza odjerna, il-konvenuti ma kellhom assolutament x' jaqsmu xejn u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghandha tingieb il-prova tal-prokura moghtija minn Gorima Costruzione;

3. Illi fil-konfront taghhom it-talbiet attrici ghandhom ikunu michuda ghax infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi m' ghandhomx ibatu spejjez;

5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tas-27 ta' Ottubru 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tigbor il-provi li kien fadal;

Rat l-Affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda migbura;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet intavolati mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Mill-atti ta' l-istanza prezenti dak li jidher li qed jigi pretiz mill-attur *nomine* hu dirett b' mod esklussiv di fronte ghall-Korporazzjoni Enemalta, u ghalhekk jista' minn issa jinghad li l-konvenuti l-ohra gew imharrka inutilment. Ghal skop ta' kjarezza din il-pretensjoni tista' tigi suddiviza kif gej:-

(1) L-imsemmija Korporazzjoni naqset milli tagixxi fir-rigward tieghu kompatibilment man-nozzjoni ta' "*fairness*" u ta' dik l-imparzjalita` li ghandha tanima l-procedura ta' l-offerta;

(2) Jikkonsegwi minn dan illi hu ghandu jigi moghti r-rimedju opportun u rizarcit id-danni li huwa jallega li sofra bl-azzjoni tal-Korporazzjoni;

Jixraq b' introduzzjoni u qabel kull stharrig ulterjuri illi jsiru certi osservazzjonijiet ta' indoli generali;

Jinghad fis-sentenza riportata a **Vol. XXXVII P I p 140**, b' abbinament ma' l-element tal-preskrizzjoni, illi jezistu tliet xorta ta' danni. Jigifieri, (i) dawk derivanti minn delitt veru u proprju; (ii) dawk l-ohra konnessi ma' htija akwiljana, u

(iii) dawk dovuti ghall-inadempjenza kontrattwali. Fil-fehma tal-Qorti din il-lista mhix ezawstiva in kwantu, kif jinsab insenjat minn certa dottrina legali u l-kazistika, jezistu danni ohra abbinati mal-fazi pre-kontrattwali u, ghaliex le, mal-fazi ta' l-invit ghall-offerti;

Issa huwa veru dak li jinsab ritenut illi "*il rapporto giuridico nasce appena sorga il vincolo creatore della obbligazione; e lo stesso vincolo si considera effetuarsi quando vi è l' unione della proposta e della accettazione, perche in quel momento si immedesimano in modo tale da creare il vincolo. L' offerta, pero`, perche possa produrre tale effetto così importante nel campo giuridico da costringere l' offerente alla precisa esecuzione della proposta da lui previamente fatta e in difetto, al risarcimento dei danni, deve essere precisa e determinata … … …*" (**Kollez. Vol. XXVIII P I p 629**). Anke, pero`, fl-assenza ta' dan il-vinkolu, id-dannu kapaci jinholoq, avolja l-kwestjoni tkun ghadha fil-fazi inizzjali ta' l-offerta. Hemm raguni fundamentali ghal din il-proposizzjoni;

Innegabilment, il-metru ta' dik il-bona fide li jippreciza l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili, u li bih jitkejjel l-ezekuzzjoni tal-kuntratti in generali, ghandu jkollu, b' adozzjoni, post xieraq anke fl-istajdi anterjuri ghall-konkluzjoni tal-kuntratt. Hekk bil-metru ta' dan l-istess principju l-parti li tghid li ssubiet dannu tista' ggib 'il quddiem prova ta' mgieba soggettiva ta' malafede fil-kontroparti jew anke prova ta' kondotta merament kolpuza fejn dik il-kontroparti tkun, bla motiv gust, naqset b' tali mod li twassal biex teludi l-aspettattivi ta' l-offerent fejn dan ikun ippresta fidi, bl-offerta tieghu, fuq il-konkluzjoni tal-kuntratt;

Fil-kaz prezenti l-attur *nomine* qieghed jallega illi din il-kolpa fil-Korporazzjoni konvenuta tissussisti minhabba l-"illegittimita`" tad-decizjoni ta' aggudikazzjoni ta' l-offerti, hekk produttiva ta' dannu fil-konfront tieghu. Imiss lil din il-Qorti li tizvolgi indagini penetranti diretta biex tistabilixxi u tiddetermina jekk, tabilhaqq, kif allegat, l-ghazla ta' l-

offerti mill-Korporazzjoni sehhietx bi ksur tar-regoli ta' dak l-imparzjalita` u l-korrettezza li fuqhom jippuntella l-ilment ta' l-attur *nomine*;

Il-kwadru tal-fatti kif johorg mill-inkartament tal-kawza jista' jigi hekk riprodott:-

(1) Permezz ta' Avviz E/E/T/20/96 il-Korporazzjoni Enemalta ghamlet sejha ghall-offerti ghall-fornitura ta' Sulphuric Acid;

(2) Apparti l-attur *nomine* kien hemm *tenderer* iehor li ssottometta l-offerta tieghu. Irrizulta li ghalkemm fost it-tnejn l-attur *nomine* kien l-orhos *tenderer* intghazlet l-offerta tat-*tenderer* l-iehor;

(3) Gie divulgat b' raguni ghal din l-aggudikazzjoni illi fil-passat l-attur *nomine* kien abbanduna kuntratt assenjat lilu ghal simili fornitura u l-Korporazzjoni ma riedetx tiehu r-riskju li jigri l-istess ghax kontingenza bhal din kienet tarresta l-produzzjoni ta' l-ilma;

(4) L-attur Anthony Baldacchino *nomine* jaghti bi spjegazzjoni ghal dak l-abbandun li avvera fl-1985 illi huma kienu offrew li jikkonsenjaw zmien xahrejn mentri l-Letter of Acceptance obbligathom jaghmlu tali konsenja zmien erba' gimghat. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 23 u a fol. 153;

(5) Saru diversi accenni ghall-fatt illi fl-imghoddi kienu jintalbu sejhiet ghall-fornitura ta' tant tunnellati (700) tal-prodott mentri fir-realta` kienet tigi ordnata kwantita` superjuri. Fil-kaz tat-*tender de quo* t-talba kienet ghal 950 tunnellata. Ara offerta ta' l-attur *nomine* a fol. 32;

(6) Issemma wkoll illi c-Chairman tal-Korporazzjoni ta' dak iz-zmien AIC Joe Ellul Vincenti, ma hax gost li t-*tender* ma gietx aggudikata favur l-orhos offerent u in effetti ta struzzjonijiet biex hekk jibda jsir purke tizdied il-multa fin-nuqqas ta' konsenja fiz-zmien preskritt. L-istess xhud jiddikjara wkoll illi f' dan il-kaz l-

assenjazzjoni saret lill-oghla offerent ghaliex l-ufficcjali tieghu, essenzjalment Tarcisio Mifsud, ma kienux qed jafdaw li jallokaw it-*tender* lill-attur *nomine*. Dan avolja l-Kumitat tal-ghazla kien hekk irrakkomanda. Dan anke ghab-bazi tal-kwalita` tal-prodott offert minn dan. Ara deposizzjoni ta’ Spiru Grima a fol. 157;

Fermi dawn il-fatti, ghas-success tat-talbiet promossi minnu jaggrava fuq l-attur *nomine* l-oneru li jipprova (i) l-interess legittimu tieghu ghat-tutela tad-dritt minnu vantat, (ii) li l-att ta’ l-aggudikazzjoni kien wiehed ingust, u (iii) id-danni derivanti lilu mil-lezjoni ta’ dak l-interess legittimu tieghu u mill-att ingust;

Ma jistax ikun dubitat illi lil kull partecipant ghall-offerti ghandha tigi rikonoxxuta lilu posizzjoni ta’ interess legittimu ghall-iskop ta’ l-ezercizzju tal-ghazla minn min jaghmel is-sejha. Hekk hu ghandu interess li jara u jassikura illi dik l-aggudikazzjoni ssir bit-trasparenza li jixirqilha u li l-offerta tieghu ma tigix imwarrba ghall-kapricc jew negat b’ mod ingust l-accettazzjoni taghha;

Fuq il-valutazzjoni taghha tal-provi din il-Qorti ssib li l-attur *nomine* kellu dak l-interess legittimu appena accennat. Fil-fehma konsiderata taghha l-attur *nomine* ma jistax sempliciment jitqies pretendent ta’ mera aspetattiva ta’ fatt li l-kuntratt, fuq l-offerta tieghu, jigi assenjat lilu, f’ liema kaz dan kien ikun ghal kollox bla rilevanza mill-punto di vista tar-rimedju rizarcitorju pretiz. Invece, jidher evidenti illi hu kien qed jaghmel affidament oggettiv, bhala l-orhos offerent u in bazi ghall-prodott tajjeb tieghu, fuq il-konkluzjoni pozittiva ta’ l-offerta tieghu. Hu f’ din l-ottika li din il-Qorti tirraffigura l-interess legittimu tieghu;

Premess dan, irid jinghad illi l-bona fide, ghal liema saret riferenza aktar ‘il fuq, mhix xi valur merament teoriku imma ghandha tigi intiza f’ sens oggettiv bhala regola ta’ imgieba ta’ lealta` u korrettezza. Jokkorri ghalhekk illi

dwar l-applikazzjoni, o meno, taghha f' dan il-kaz wiehed jipprocedi bl-analisi objettiva ta' dawk il-fatti u cirkostanzi konkreti li nducew lill-Korporazzjoni ma tiggudikax l-offerta favur l-attur *nomine*;

Din il-Qorti tistqarr, fuq l-apprezzament taghha tal-provi, illi r-rizoluzzjoni ta' din il-materja hi pjuttost problematika: Minn naha l-wahda da parte ta' l-attur *nomine* ghandek sitwazzjoni ta' offerta orhos minn dik tal-konkorrent l-iehor u bi prodott kwalifikament tajjeb. Minn naha l-ohra mill-perspettiva tal-Korporazzjoni fuq l-esperjenza passata, l-attur *nomine* ma jikkonsenjax fit-terminu utli ghall-process kontinwat tal-produzzjoni ta' l-ilma. Issa kif taraha din il-Qorti huwa veru li bi ftit bon sens l-Korporazzjoni setghet hasbet, kif hekk ordnat a posterjori mill-ex Chairman taghha, illi tawmenta l-penali biex tilqa' ghal dik l-okkorrenza. Daqstant iehor pero` huwa veru wkoll illi meta wiehed jipprogetta lilu nnifsu fil-qaghda tal-Korporazzjoni u r-relazzjonijiet negozjali ta' din ma' l-offerenti dik il-biza` ingenerata fiha ma tistax f' dawk ic-cirkostanzi titqies wahda effimera u kapriccjuza. Dan forsi anke ghaliex kull zieda fil-penali ma setghetx konkretement isservi biex taghmel tajjeb ghall-konsenja puntwali tal-prodott ad uzu tal-produzzjoni ta' l-ilma fl-interess tal-kollettivita` in generali. Dan, apparti r-rizervi kontenuti fl-avviz ghat-*tender* fi klawsoli 5 u 7 tieghu u fejn il-Korporazzjoni zammet id-dritt li taccetta jew tirrigetta kwalsiasi *tender* u dan anke bla ma taghti raguni;

Sakemm ma gietx provvduta prova inkonfutabbli ta' xi qerq jew ta' assenza ta' motiv gust jew ta' xi kolpa xort' ohra din il-Qorti ma tistax, fic-cirkostanzi appena espressi, takkolji l-asserzjoni ta' xi illecjeta` fl-aggudikazzjoni maghmula f' dan il-kaz. Fil-kumpless, anke jekk, kif rifless, l-interess ta' l-attur *nomine* fil-vicenda ta' l-aggudikazzjoni kien certament wiehed legittimu, din il-Qorti imbaghad ma ssibx bhala fatt jew skond id-dritt pozittiv li x-xelta tal-Korporazzjoni kienet, kollox ma' kollox, wahda ingusta jew li l-interess manifest huwa meritevoli tar-rimedju u tad-danni invokati mill-atturi.

Danni dawn li dwarhom ikollu jinghad li minn imkien mill-atti ma jirrizultaw ippruvati.  Kif hekk ukoll ma gie bl-ebda mod ippruvat l-involviment tal-konvenuti l-ohra f' din il-vicenda.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tillibera l-konvenuti Accountant General u d-Direttur Generali tal-Kuntratti mill-osservanza tal-gudizzju.  Fit-tieni lok, u bl-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta, tichad it-talbiet kollha ta' l-attur *nomine*, bl-ispejjez jitbatew minnu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------